# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Ilum 28 ta' Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 191 / 13RGM

Kawza fil-lista: 9

**A B**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatypprezentat mill-attrici fis-17 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti, li ma humiex mizzewgin, kienu f'relazzjoni li damet madwar hames snin u matul dan il-perjodu kienu ghamlu zmien jikkoabitaw flimkien;

Illi minn din ir-relazzjoni kellhom zewgt itfal - E li twieldet fit-8 ta' April 2003 u F li twieldet fid-29 ta' Marzu 2004, u cioe' it-tnejn minorenni u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u markati Dok SC1 u Dok SC2;

Illi t-tifla l-kbira E twieldet b'dizabilita fizika severa, Spina Bifida, u Hydrocephalus;

Illi ftit wara it-twelid tat-tieni minuri u cioe ta' F ir-relazzjoni tal-partijiet bdiet tiddeterjora u fis-sena 2005 spiccat ghal kollox u dan kien irrizulta minhabba l-fatt illi l-konvenut ma kienx qieghed jerfa' r-responsabbilitajiet mistennija minn missier specjalment minn missier b'tifla b'dizabbilita' li tirrikjedi attenzjoni u dedikazzjoni partikolari;

Illi wara li thassret ir-relazzjoni, l-konvenut abbanduna l-uliedu u l-ommhom ir-rikorrenti u mar jghix ghal xi zmien f'pajjizu u cioe f'Napli, u dan minghajr ma mpurtah minn uliedu;

Illi wara xi zmien irritorna u beda jirresjedi Malta, u f'dan iz-zmien darbtejn fetah proceduri legali permezz ta' medjazzjoni, sabiex jigi rregolat l-access u l-manteniment taz-zewgt ulied, pero' fid-darbtejn kien jintlahaq ftehim biss dwar l-access, ghax l-intimat kien jirrifjuta li jasal ghal xi ftehim biex jikkontribwixxi b'xi manjiera ghall-manteniment ta' uliedu;

Illi l-intimat jirrifjuta assolutament li javversa xi ammont ta' manteniment ghall-minuri ghax jghid li ma jahdimx, pero rrid jinghad li huwa persuna li aktar jaghti importanza l-kapricci tieghu, inkluz safar spiss lejn l-Ewropa u dan l-ahhar anke mar vaganza ta' hmistax il-gurnata gewwa Thailand, milli r-responsabilitajiet tieghu ta' missier;

Illi ghalkemm jghid li ma jahdimx, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, l-intimat, huwa rregistrat mal-ETC u mal-VAT, huwa direttur ta' kumpanija registrata f'Malta u jmexxi ufficcju ghall-attivita tat-turizmu;

Illi nonostante dan ir-rifjut ta' xi manteniment, ir-rikorrenti qatt ma cahdet l-intimat minn access lejn uliedu meta dan kien jintalab;

Illi ir-rikorrenti sallum garret l-ispejjez kollha ghat-trobbija ta' uliedha fuq spallejha u ghalkemm il-kura medika tat-tifla Therese hija b'xejn u tircievi xi beneficcji socjali, dawn mhux bizzejjed specjalment meta jkun hemm cirkostanzi meta il-tifla tirrikejdi servizzi privati ta' nies professjonali jew medicina partikolari;

Illl barra l-ispejjez ta' kuljum ghandu jigi inkluz l-equipment specjalizzat (kay walker, dynamic standing frame, special needs buggy, wheelchair) li r-rikorrenti kellha tixtri ghal bintha Therese biex tuza u biex taghmlilha l-hajja taghha aktar facli u liema equipment ikun jehtieg li jitbiddel wara numru tas-snin peress li t-tifla tikber u wkoll jitgharraq bil-uzu;

Illi issa li t-tfal qeghdin jikbru, r-rikorrenti qieghda ssibha wisq difficli biex tlahhaq ma' l-ispejjez u l-esponenti kellha ghalhekk tipprocedi bil-kawza odjerna u dan wara li ghat-tielet darba l-proceduri ta' medjazzjoni fallew;

Illi dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenti permezz ta' digiret datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu 2013 sabiex tipprocedi b'kawza, u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u market Dok SC 3;
Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda esklusiva ta' l-omm;

Tiffissa retta alimentari ta' manteniment pagabbli kull erba' gimghat ghaz-zewg minuri, liema manteniment ghandu jigi rivedut kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, kif ukoll tipprovdi dwar l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni u mas-sahha tal-minuri kif ukoll dawk straordinarji;

Tillikwida kumpens pagabbli lir-rikorrenti ghan-nuqqas ta' manteniment li l-intimat qatt ma ghamel ghal dawn l-ahhar 7 snin.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fis-17 ta' Marzu 2014 b'konferma li l-konvenut gie notifikat bid-dokumenti relattivi fid-19 ta' Frar 2014;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 fejn il-konvenut gie dikjarat kontumaci billi baqa' ma pprezenta l-ebda risposta; fl-istess seduta giet nominata l-Avukat Dottor Giuliana Scerri Ferrante bhala Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fil-25 ta' Marzu 2014 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha; kif ukoll elenku tal-ispejjez, fol. 40;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fit-13 ta' Novembru 2014 li permezz taghha ppresentat il-medical history ta' bintha u l-*work history* tal-konvenut;

Rat id-digriet moghti fis-26 ta' Marzu 2015 fejn il-Qorti ordnat li pendente lite, l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F D tkun esklusivament f'idejn A B, l-attrici, omm l-istess minuri;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2015;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

Fl-affidavit taghha , Fol 35 et seq. l-attrici ddikjarat li saret taf lill-konvenut fis-sena 2001. Wara li hu ddecida li jigi jghix f'Malta bdew jikkobitaw fi flat f'Ta'Xbiex li kienu krew. Hi harget tqila bit-tifla E, kellhom il-problemi billi rreallizat li kien qed jittradiha ma' mara ohra, izda billi kienet tqila pprovat zzomm il-paci. Meta sar jaf bit-tqala ried li tabbortixxi, izda hi rrifjutat. Kien jinsisti maghha kuljum li jmorru l-Italja biex tabbortixxi, kienu jiggieldu fuq hekk u hi kienet taghmel granet shah tikbi u ma tiekolx. Dan kellu effett serju fuq it-tifla li twieldet b'dizabilita' severa, Spina Bifida u Hydrecephalus. Mit-twelied it-tifla kellha bzonn u sarulha opperazzjonijiet serji fuqha, u sfortunatament fil-futur ser ikollha bzonn ta' aktar interventi. It-tabib kien qalilha "inti ma ghandek l-ebda tort" mentri zewgha qalilha"it-tifla wellidtha inti, twieldet hekk habba fik u issa inti biss jkollok tbghati u tigri biha". L-attrici qatt ma kellha l-icken ghajnuna minghand il-konvenut meta kienet tiehu lit-tifla ghall-operazzjonijiet u terapiji, ghamlet kollox wahedha bl-appogg tal-familja taghha.

Hu ddecida li jiftah hanut f'Malta bil-hwejjew tat-tigijiet, billi dejjem ried ikun *self employed*. L-attrici bezghet li l-konvenut jirritorna fl-Italja billi ma jkunx qed jahdem f'Malta. L-attrici dan xtaqhet tevitah billi diga' kellha problema serja bil-kondizzjoni tat-tifla u ghalhekk hadhet self mill-Bank of Valletta ghall-Euro3,000 u ohra ta' Euro2,500 minghand ommha biex jitlesta il-hanut. L-attrici dak iz-zmien kienet thobb lill-konvenut u ghalhekk riedet taghmel minn kollox biex ma jitlaqx. Eventwalment il-konvenut fetah il-hanut izda ma marx tajjeb u l-pagamenti lill-bank spiccat kellha thallashom hi flimkien ma' pagamenti relatati mad-dejn tad-dar taghha, izda lill-ommha qatt ma saru pagamenti.

L-attrici ddikjarat li kellha hafna spejjez biex tixtri it-tghamir specjalizzat tat-tifla, il-wheelchair biss jiswa Euro4,100. Kellhom it-tieni tifla, F, li skont l-attrici l-konvenut ried biex jassikura ruhu li ma titilqgux. Irrealizzat li kien qed jabbuza minnha billi finanzjarjament ma kien qed jikkontribwixxi xejn, kienet thallas kollox mill-paga taghha, anke s-sigaretti kienet tixtrilu. Kien wkoll jgib f'Malta lil huh u l-gharusa ta' huh, f'okkazzjoni minnhom ghall-tlett xhur shah, u kienet thallas kollox hi.

F twieldet fis-sena 2004, kellhom diversi kwistjonijiet u glied, izda l-attrici ma ghadditx mill-istess esperjenza ta' l-ewwel tifla waqt it-tqala. Il-hanut kellu jaghlaq u l-konvenut mar lura l-Italja u la ta' kas tad-dejn mal-bank li kellha thallas l-attrici u lanqas wera interess fit-tifla, li dak iz-zmien sarulha operazzjonijiet serji, fosthom'bladder augmentation'. Hu kien jippretendi l-attrici tmur tigri warajh Napli, biex jigi lura, din skont l-attrici saret diversi drabi, izda meta gheddidha li jekk ma tmurx f'zmien 5 tijiem jinsiha, irrifjutat li tmur billi it-tifla kienet l-isptar fejn saritilha operazzjoni. Il-konvenut ghamel zmien ma jersaqx lejn Malta izda wara xi sitt xhur gie u pprettenda li jara lit-tfal. L-attrici ma oggezzjonatx u saret medjazzjoni bl-assistenza tal-Medjatrici Erika Cutugno. Ftehim ma lahqux billi l-konvenut kien jirrifjuta li jhallas manteniment. L-attrici

semmiet okkazzjoni fejn waqt li t-tfal kienu ghand l-access ma' missierhom, f'episodju ta' rabja sakkar lit-tifla E fil-gwardarobba.

L-attrici ddikjarat li l-konvenut hu registra mal-ETC u mal-VAT Department bhala pesuna li ghandu negozju fil-qasam tat-turizmu hawn Malta. Tilmenta illi filwaqt li l-konvenut jidher li ghandu flus bizzejjed sabiex imur spiss ghall-vaganzi fl-esteru inkluz f'pajjizi li jinstabu l-boghod bhat-Tailandja, jibqa' jirrifjuta li jhallas manteniment ghaz-zewg minuri.

L-attrici kkonfermat li kellha spejjez kbar biex tixtri *specialized equipment* ghat-tifla, apparti htigijiet tal-iskola bhal kotba u uniformijiet kif ukoll spejjez ta' tobba, medicini u konsultazzjonijiet ma' specjalisti. It-tfal illum ghandhom 10 snin u 9 snin rispettivament. Ikkonfermat li l-konvenut qatt ma ikkontrbwixxa fit-trobbija tal-ulied.

L-attrici rreferiet ghad-digriet li kien inghata waqt il-proceduri ta' medjazzjoni li permezz tieghu l-konvenut kien gie kkundannat ihallas manteniment pendente lite fis-somma ta' €400 fix-xahar oltre l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri. Id-digriet igib id-data tat-13 ta' Gunju 2013, (fol.236). L-attrici xhedet illi ir-reazzjoni tal-konvenut ghal tali digriet kienet wahda ta' sfida u intransigenza peress li fuq il-*facebook page* tieghu tella li tghid Euro400= *400 calci nel culo*. Wara li l-konvenut rega' telaq minn Malta l-attrici xorta kienet thalli lit-tfal ikellmu lil missierhom bit-telephone u bl-internet. Issemmi pero' illi f'okkazzjoni minnhom l-attur spicca jghajjar lil uliedu b'mod vulgari u ghalhekk kellha twaqqaf il-kuntatt bejn il-konvenut u l-minuri.

L-attrici ghalhekk qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas:-

1. Euro33,600 rapprezentatni seba' snin manteniment bir-rata ta' Euro400 fix-xahar skont id-digriet imsemmi.

2. Euro8,750 ghall-edukazzjoni u sahha, ghal seba' snin skond sena stima 2012/2013.

3 Euro4,668.91 billi l-apparat mediku kien jiswa Euro9,213.91 li minnhom il-KNPD hallsitilha l-ammont ta' Euro4,545.

Mill-atti jirrizultaw diversi rapporti medici dwar il-kondizzjoni tal-minuri Therese, Psychological Opinion, Fol.109 et seq, Physiotherapy Report, Fol. 247, Occupational Therapy Report Fol.253, kif ukoll diversi emails tal-konvenut, Fol. 168 et seq, b'konferma tal-atteggjament, passiv, indifferenti u insensittiv tal-konvenut, fil-konfront tal-attrici u ta' uliedhom.

**IL-LIGI.**

L-artikolu 7 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

Skond l-imsemmi Artikolu 3B il-genituri ghandhom jghallmu u jedukaw lill-ulied skont il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.

Dan l-obbligu hu estis ghall-manteniment adegwat ghall-ulied li jkunu studenti, jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time u huma taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena; jew li jkollhom disabilita' kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Kontumacja**.

Il-konvenut, ghalkemm notifikat, baqa' kontumaci. In tema legali ghandu jinghad illi hija gurisprudenza kostanti li l-kontumacja ma tammontax ghall-ammisjoni izda ghandha tigi kkonsidrata bhala opposizzjoni ghat-talbiet attrici. Fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Vella vs Pierre Cremona**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003, giet ikkonfermata sentenza tal-Prim Istanza, li cahdet it-talba attrici nonostante li l-konvenut kien kontumaci u dan ghar-raguni illi filwaqt li l-konvenut kien kontumaci l-attur naqas milli jressaq l-ahjar prova ai termini tal-artikolu 559 tal-Kap 12. Fl-imsemija decizjoni ntqal hekk:

"il-kontumacja tal-konvenut ma tehlisx lill-attur li jaghmel il-prova tal-fatti li fuqhom hija mibnija it-talba tieghu, u anzi l-htiega li jaghmel l-ahhjar prova, kif irid l-artikolu 559 issir aktar urgenti billi l-Qorti ikollha toqghod fuq ix-xhieda ta' wahda mill-partijiet....kontumacja tammonta ghall-kontestazzjoni u mhux semplici 'walk-over' kif jipprettendi l-attur. L-ahhjar prova trid issir dejjem".

Ikkunsidrat;

**Manteniment**.

Il-partijiet m'humhiex mizzewgin. Kienu jikkoabitaw, relazzjoni li damet xi hames snin u kellhom zewgt itfal, E li twieldet fit-8 ta' April 2003 u F li twieldet fid-29 ta' Marzu 2004. Sfortunatament E ssofri minn disabilita' severa, Spina Bifida, u Hydrocephalus. L-ispejjez ghat-trobbija ta' E huma konsegwentement akbar min-normal kif jirrizulta mix-xhieda tal-attrici u mill-provi dokumentarji minnha pprezentati.

Ghalkemm il-konvenut ma xehedx, l-attrici resqet evidenza dwar il-hidma tal-konvenut kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja. Hija pprezentat Dokument CS2 Fol. 147 et.seq. Id-dokument li jinsab Fol. 148 hu kopja ta' kumment tieghu fuq facebook li sar fit-2 ta' Awwissu 2013, dwar id-digriet tal-manteniment, li nghata fit-13 ta' Gunju ta' qabel. Fol. 149 hu kopja ta'dokument rilaxxjat mir-Registrar of Companies, fl-4 ta' Marzu 2011, certifikat tar-registrazzjoni ta' socjeta' kummercjali CASE VACANZA MALTA LTD, Fol. 150, certifikat ta' registrazzjoni bhala Excise Registered Trader, Fol. 151, registrazzjoni mal-VAT Department, b'effett mill-1 ta' Gunju 2007, Fol. 152 Dokument tal-ETC, Fol 153 dokument b'konferma li hu direttur u tour operator, Fol. 154 dokument b'konferma li hu propjetarju ta' socjeta' tat-trasporti tal-ghamara.

F'email tat-30 ta' Gunju 2009, Fol.178, il-konvenut jghid hekk:

" i bambini li ho fatto io e' vero, pero' i problemi li hai create tu e devi tu subbire non io....chi fa i guai quello deve pagare.... tu che dici che non li vedo?".....

Fol. 180 jghid hekk:
"non avrai un euro da me fino alla mia morte"....."con i bambini ci ragiono in future non adesso......io non faro' favori a nessuno perche con me non vinci mai"...

A fol 182 jghid li kellu intervent f'qalbu, u li ma jifihmx kif trid flus minn ghandu meta tircevi tlett cheques mill-Gvern billi hi single mother u ghandha tifla b'dizabilita'.

Fol.188 jghid: Io non faccio donazione a distanza...e non sono mie figlie....le mie figlie si chiamano E e F D.....non B.
Spiacente io non ho soldi da darvi, sono nulla tenente.....
Spiacente la banca attualmente e' fallita.

Fol.222 il-konvenut fil-25 ta' Frar 2011 ddikjara li sejjer vakanza f'Londra ghal 7 tijiem fil-London Hilton jew il-Park Lane Hotel. Fol.228 jghid li pprenota vjagg ghac-Cina mill-10 sal-25 ta' Settembru 2012, u fit-18 ta' Awwissu 2012 jghid li qieghed it-Tailandja.

Dawn id-dokumenti jikkonfermaw li l-posizzjoni finanzjarja tal-konvenut hija wahda tajba. Jiggestixxi negozju ta' trasport tal-ghamara, xoghol li jiggenera introjtu sufficjenti li jippermettielu vakanzi kemm fl-Europa kif ukoll fl-Asia, vjaggi ta' xi hmistax il-gurnata. Id-dokumenti esebiti, in oltre, jikkonfermaw ir-reazzjoni tieghu, ghad-digriet tat-13 ta' Gunju 2013 fejn gie ordnat jhallas manteniment ta' Euro400 kull erba' gimghat, reazzjoni li tikkonferma l-intenzjoni tieghu li ma jhallasx manteniment. Jinsisti li t-tfal huma uliedu, u li dawn

ghandhom jgibu kunjomu u mhux kunjom ommhom, pero' assolutament jirrifjuta li b'xi mod jikkontibwixxi ghall-manteniment taghhom, kif legalment hu tenut li jaghamel billi hu missierhom.

Fil-fehma tal-Qorti bil-mezz tad-dokumenti ezebiti abbinati max-xhieda tal-attrici, it-talbiet attrici huma sufficjentement ipprovati. Gie sodisfacentement ippruvat mill-attrici illi l-missier ghandu dhul adegwat sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg uliedu minuri. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi l-manteniment li din il-Qorti diversament presjeduta kienet iffissat pendente lite huwa ragjonevoli fic-cirkostanzi u jimmerita li jigi kkonfermat. Peress illi bejn l-attrici u l-konvenut ma hemm l-ebda kuntatt, ordni eventwali lill-konvenut sabiex ihallas sehem mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri ma hux prattikabbli tenut kont li wisq probabbli tali ordni jkun mehtieg li tigi ezegwita f'pajjiz iehor. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti tqis illi jkun aktar prattikabbli li l-Qorti tinkludi fl-ammont ta' manteniment il-kontribuzzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Ghaldaqstant il-Qorti qedha tillikwida l-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri fis-somma ta' hames mitt ewro (€500) li jinkludi l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Kura u Kustodja**.

L-attrici qed titlob l-kura u kustodja esklusiva ghaz-zewg uliedha. Apparti mill-atteggjament kompletament insensittiv u negattiv tal-konvenut fil-konfront tat-tfal, il-fatt li l-attur qata' kull kuntatt mal-attrici u maz-zewg uliedu jwassal lill-Qorti tikkonkludi illi huwa fl-interess suprem taz-zewg minuri illi l-awtorita' ta' genitur u l-kura u kustodja taz-zewg minuri tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tordna li l-awtorita' ta' genitur u l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, E u F, tkun esklusivament f'idejn ommmhom A B.

2. Tiffissa r-retta alimentari ghaz-zewg minuri imsemmija li l-missier ghandu jhallas lill-omm fis-somma ta' hames mitt ewro (€500) kull erba' gimghat, €250 ghal kull tifla, li jinkludi sehem l-konvenut ghal spejjez ta'edukazzjoni u ta'sahha u dan b'effett mit-8 ta' April elfejn u tlieta (2003) fir-rigward tal-minuri E u b'effett mid-29 ta' Marzu elfejn u erbgha (2004) fir-rigward tal-minuri F, liema

manteniment ghandu jigi rivedut annwalment l-ewwel awment isehh fl-1 ta' Jannar 2017 u dan skont l-indici tal-inflazzjoni pubblikat mill-Gvern.

3. Fir-rigward tal-arretrati ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghaz-zewg minuri il-Qorti qed tillikwida l-arretrati ta' manteniment dovuti sallum fir-rigward tal-minuri E fis-somma ta' sebgha u tletin elf u tmien mitt ewro u tillikwida l-arretrati ta' manteniment dovuti sallum fir-rigward tal-minuri F fis-somma ta' tlieta u erbghin elf u tmien mitt ewro.

4. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf u tmien mitt ewro (€37,800) rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti fir-rigward tal-minuri E u s-somma ta' erbgha u tletin elf u tmien mitt ewro (€34,800) rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti fir-rigward tal-minuri F; b'kollox tnejn u sebghin elf u sitt mitt ewro (€72,600.00).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**